6.3.2024 A9-0055/120

**Emenda 120**
**Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0055/2024**
**Anna Zalewska**
Emenda tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(39a) Ir-rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 9(9), l-Artikolu 11(6), u l-Artikolu 12(2) jenħtieġ li jitqiesu, mat-tlestija f'waqtha tagħhom, bħala parti mill-evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE kif stipulat fl-Artikolu 42a. Barra minn hekk, ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 11(7) jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva kif stipulat fl-Artikolu 42a, hekk kif jitlesta kompletament sal-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 42a.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 121**
**Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0055/2024**
**Anna Zalewska**
Emenda tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(39b) Bl-istess mod, ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 5(9) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE[1a] jenħtieġ li jitqies, mat-tlestija f'waqtha tiegħu, bħala parti mill-evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva, kif stipulat fl-Artikolu 42b ta' din id-Direttiva.*** |
| | ___________________ |
| | ***[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

6.3.2024 A9-0055/122

**Emenda 122**
**Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0055/2024**
**Anna Zalewska**
Emenda tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 22a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sal-31 ta' Diċembru 2027, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tat-twapet u tas-saqqijiet kif imsemmi fil-Parti 2a (ġdida) tal-Anness IVc li jagħmlu dawk it-twapet u s-saqqijiet disponibbli fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skemi separati ta' responsabbiltà estiża tal-produttur speċifikament għal dawn l-oġġetti.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 123**
**Anna Zalewska**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0055/2024**
**Anna Zalewska**
Emenda tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart
(COM(2023)0420 – C9-0233/2023 – 2023/0234(COD))

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**
Direttiva 2008/98/KE
Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) fl-Artikolu 35(1), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:*** |
| | ***"L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-entitajiet li jiffunzjonaw bħala negozjanti jew sensara jżommu rekords tal-iskart b'mod li jippermetti t-traċċar tal-fluss reali tal-iskart bejn l-entitajiet li jieħdu l-pussess fiżiku tal-iskart."*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità